GOVERNMENT OF MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION

PRESS RELEASE

PR252264 | 15.12.2025 | 5

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***"Din mhijiex okkażjoni oħra fil-kalendarju. Din hija wegħda li tibqa' tmiss il-qalb tagħna bħala poplu" – Speaker tal-Kamra tad-Deputati***

"Din mhijiex okkażjoni oħra fil-kalendarju. Din hija wegħda li tibqa' tmiss il-qalb tagħna bħala poplu," temm l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, Anġlu Farrugia, fid-diskors tal-ftuħ tal-wirja tal-arti b'risq id-Dar tal-Providenza li saret fil-Foyer tal-Parlament.

L-Ispeaker saħaq li din l-inizjattiva saret tradizzjoni li tirrifletti l-impenn kontinwu tal-Parlament favur il-ġid komuni u l-appoġġ lejn persuni li jeħtieġu kura u sostenn. Huwa rringrazzja lir-residenti tad-Dar tal-Providenza, kif ukoll lill-ħaddiema u l-voluntiera li jaħdmu b'dedikazzjoni sabiex kull persuna tingħata kura u dinjità. Farrugia sellem ukoll lil Father Martin Micallef għat-tmexxija u l-impenn tiegħu.

Fid-diskors tiegħu, l-Ispeaker fakkar li mill-ewwel darba li l-pitturi bdew jiġu esibiti fil-Parlament b'risq id-Dar tal-Providenza, diġà nġabru aktar minn kwart ta' miljun ewro, xhieda tal-ġenerożità kontinwa tal-poplu Malti u Għawdxi. Huwa sostna li l-Parlament se jkompli jappoġġja inizjattivi ta' solidarjetà u appella biex din il-ġenerożità tkompli wkoll fil-futur.

Intant, f'kelmtejn li għamel Fr Martin Micallef fakkar kif il-wirja tifforma parti mill-Festa ta' Ġenerożità li d-Dar tal-Providenza torganizza kull sena fl-ewwel jum tas-sena, inizjattiva li tibqa' essenzjali biex id-Dar tkun tista' tkompli toffri servizzi residenzjali ta' kwalità lil persuni b'diżabilità. Huwa rringrazzja lill-artisti Maltin u barranin li taw ix-xogħlijiet tagħhom b'xejn għal dan l-iskop, u sostna li dawn il-ġesti ta' solidarjetà huma xhieda konkreta tal-impenn soċjali li għadu jikkaratterizza lis-soċjetà Maltija u Għawdxija.

Huwa fakkar ukoll li matul is-snin, permezz ta' din l-esibizzjoni fil-Parlament u l-irkant relatat magħha, id-Dar tal-Providenza rnexxielha tiġbor fondi sostanzjali li jmorru direttament għas-servizzi offruti lir-residenti. Fr Martin stieden lill-pubbliku jżur il-wirja u jipparteċipa fl-irkant online, filwaqt li afferma mill-ġdid l-impenn tad-Dar li tkompli taħdem biex ittejjeb il-kwalità tal-ħajja tar-residenti u ssaħħaħ l-inklużjoni tagħhom fil-komunità.